MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1058/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anna Mercieca u l-istess Anna Mercieca**
**vs**
**Arthur Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Mejju 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tnejn u hamsin lira zewg centezmi (Lm352.02) rapprezentanti valur ta hsarat kagonati fil-vettura numru ANN 849 proprjeta tal-attrici meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru JAF 694 f'incident stradali li sehh nhar id-9 ta Lulju 2003 gewwa l-Mellieha ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 18 ta Marzu 2004 kontra l-konvenut u ta ittra ufficcjali ohra prezentata

kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 5 ta Lulju 2004 fejn fl-ewwel lok giet kontestata r-responsabbilita tal-incident u fit-tieni lok li d-danni mitluba kienu ezagerati. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti partikolarment il-formola bumper to bumper a fol 40 tal-process u r-ritratt a fol 47 tal-process.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi f'din il-kollizzjoni iz-zewg partijiet jikkonfermaw kemm fil-formola bumper to bumper u kemm fix-xhieda taghhom bil-gurament illi l-incident in kwistjoni sehh fin-nizla tal-Mellieha li taghti ghal pjazza tal-Mellieha l-inhawi ta The Arches Restaurant fil-mument meta l-konvenut kien qed jaghmel manuvra ta reverse sabiex jipparkja. Difatti kemm il-pulizija li xehed PS 230 u kif ukoll l-iskizz jindika l-vettura tal-konvenut angolata l-barra sabiex jidhol bir-reverse gewwa parking space. Apparti x-xhieda moghtija mill-attrici, l-istess konvenut jikkonferma bil-gurament tieghi illi huwa waqaf u beda jirriversja biex jipparkja. Kif appena beda jirriversja lemah fil-mera tal-gemb tan-naha tieghu karozza wieqfa mal-bumper tieghu – kliema stess jindikaw li l-konveut ma harisx mill-mera QABEL ma beda jirriversja kif suppost kien obbligat li jaghmel izda hares biss hekk kif beda jiccaqlaq lura.
Illi in vista tal-premess ghalhekk ma hemmx dubbju li l-konvenut ghandu jinstab unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

Illi pero`, hemm konsiderazzjnijiet ohra li jridu jigu trattati dwar l-entita tad-danni u dana peress illi huwa fatt ammess anke mill-istess attrici li l-vettura taghha kienet afflitta minn daqqa ohra provenjenti minn incident iehor

precedenti. Il-kwistjoni kollha hija l-entita tad-daqqa odjerna u l-entita tad-daqqa precedenti.

L-attrici tghid fix-xhieda taghha li l-vettura taghha ntlaqtet fuq il-fanal ta quddiem fuq in-naha ta quddiem. Tghid ukoll li l-vettura taghha kellha daqqa zghira fuq in-naha tal-gemb – ghafsa zghira. Din id-daqqa zghira ohra li ssemmi l-attrici fil-fatt hi kompatibbli mad-daqqa fuq il-mudguard taghha li jidher fir-ritratt a fol 47 tal-process filwaqt li d-daqqa li tidher fuq il-bumper taht il-fanal huwa kompatibbli mal-impatt meritu ta dina l-kawza. Tali nterpretazzjoni tinsab konfortata mhux biss mix-xhieda tal-istess attrici izda wkoll mill-iskizz inpingi u ffirmat miz-zewg nahat esebit a fol 40 tal-process. Minn dawn il-provi u mill-mod kif gie deskritt li sehh l-incident miz-zewg nahat, dan it-Tribunal ma jistax jara kif id-daqqa li ghandha fuq il-gemb tal-mudguard qatt seta gie kkawzat mill-impatt odjern.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici ma ghandhiex tithallas ghal xoghol li sar fuq il-mudguard tax-xellug peress li l-istess Tribunal jinsab konvint li dik id-daqqa li tidher fuq ir-ritratt esebit a fol 47 tal-process kien gie kkagunat minn habta ohra precedenti ghal ta’ llum. Illi ghalhekk id-danni reklamati mill-atturi qed jigu hawn likwidati fl-ammont ridott ta mija u tnejn u disghin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm192.52) u dana cioe fis-sens billi tnaqset is-somma ta Lm56 tal-part a fol 16 tal-process u l-ammont tal-kiri u tal-labour a fol 17 u 19 tal-process tnaqqas arbitio buon viri bin-nofs.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kwindi jilqa t-talba tal-atturi u jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni. Fl-istess waqt pero qieghed jilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut, kwindi qed jillikwida d-danni kagonati fil-vettura tal-attrici meritu tal-kollizjoni in kwistjoni fl-ammont ta mija u tnejn u disghin lira tnejn u hamsin centezmu u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk kif likwidata bl-imghaxijiet legali dekorribbli

mid-data ta din is-sentenza, b'dan illi l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------